MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1047/2003

**Raymond u Silvana konjugi Debono**

**vs**

**Professional Management Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm728.50) rappresentanti in kwantu ghal Lm698.50, hlas ta' kera dovuta mis-socjeta konvenuta skond skrittura ta' kera datata 1 ta' Frar 1996 (kopja annessa ma'l-avviz bhala Dokument RD1), ghal kiri tal-garaxx bin-numru 13A, Triq Sant'Anna, Mellieha mill-perijodu tat-18 ta' Novembru 2002 sat-30 ta' Gunju 2003, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, u inkwantu ghal Lm30 rapprezentanti hlas dovut

mis-socjeta konvenuta spejjez tad-dawl u l-ilma ta'l-istess fond ghall-istess perijodu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittri ufficjali datati 24 ta' Jannar 2003 (Dokument RD2), u tad-9 ta' Mejju 2003, (Dokument RD3) u tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment ma'l-avviz bin-numru 1093/03, kif ukoll bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attrici Sylvana Debono, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont li ghadu dovut illum huwa ta' Lm128.50 flimkien ma'l-imghax u l-ispejjez u dana stante pagament mis-socjeta konvenuta fil-mori tal-kawza ta' Lm600.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici, kif ridotta, tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm128.50),flimkien mal-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittri ufficjali datati 24 ta' Jannar 2003 (Dokument RD2), u tad-9 ta' Mejju 2003, (Dokument RD3) u tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz bin-numru 1093/03 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------